



# Il-festa tal-Assunta fil-Mosta: mit-tiżjin għat-tagħlim (i)

*Is-Sur Jeffrey Galea B.A. (Hons.) Geography*

Ix-xbihat qaddisa li jżejjnu kemm il-knejjes kif ukoll it-toroq u l-pjazzez tagħna fi żmien il-festi huma element ewlieni tal-espressjoni reliġjuża fil-gżejjer Maltin. Dan l-element għandu għeruq antiki fl-istorja tal-Knisja. Fil-fatt kien il-Konċilju ta' Nicaea, li sar fis-sena 787, li ddikjara li tista' tingħata venerazzjoni lill-qaddisin permezz tal-użu ta' xbihat qaddisa[1]. Ikun għalhekk tajjeb jekk dawn ix-xbihat li nagħtuhom tant prominenza fi żmien il-festi ma narawhomx biss bħala xi ornament jew opra ta' arti iżda nfittxu li nitgħallmu dwar dawk li huma jirrappreżentaw. Dan l-artiklu jagħmel riferenza għax-xbihat ta' Sant' Anna u San Ġwakkin li jinsabu fil-knisja u fl-armar ta' barra tal-festa tal-Assunta fil-Mosta sabiex jiżvolġi f'deskrizzjoni tal-ħajjiet ta' dawn iż-żewġ qaddisin li għandhom rabta daqstant mill-qrib mal-Madonna.

**Il-qaddisin min huma?**

Sa mill-qedem il-Knisja tat venerazzjoni lil dawk kollha li wara mewthom kienu meqjusa bħala li għexu ħajja qaddisa. Il-qdusija tintlaħaq billi wieħed ifittex li jingħata għall-glorja t'Alla u għas-servizz tal-proxxmu f'dak kollu li jagħmel. Sabiex wieħed jagħmel dan irid ifittex li jwettaq ir-rieda tal-Missier fuq il-passi ta' Sidna Ġesu Kristu[2].

Il-Konċilju Vatikan II jinkoraġġixxi l-Insara sabiex iħarsu lejn il-ħajjiet tal-qaddisin bħala eżempji ta' rilevanza għal ħajjithom stess. Barra minn hekk dan il-Konċilju jgħallimna li l-komunjoni max-xirka tal-qaddisin imdawwla bil-Verita` tal-fidi, mhux talli ma ddgħajjifx, iżda ssaħħaħ il-qima li nagħtu lil Alla[3]. Minn dan kollu toħroġ biċ-ċar il-ħtieġa li n-Nisrani għandu jkollu għarfien dwar il-ħajjiet tal-qaddisin li huwa jagħtihom venerazzjoni.

**L-ikonografija ta' Sant'Anna u San Ġwakkin marbuta mal-knisja u l-festa fil-Mosta**

Fl-armar ta' barra tal-festa tal-Assunta li ssir ġewwa l-Mosta nsibu li l-armar ta' taħt iz-zuntier tar-Rotunda jikkonsisti f'erba' statwi u ż-żewġ pilandri l-kbar. L-istatwi ta' Sant'Anna u San Ġwakkin jintramaw fil-parti ċentrali filwaqt li l-istatwi ta' San Gabriel u San Mikiel jintramaw fit-truf. Dawn l-erba' statwi ġew maħduma fil-kartapesta mill-magħruf statwarju Karlu Darmanin (1825–1909) lejn il-bidu tas-seklu għoxrin[4]. Fl-2010 il-Grupp Armar Marija Assunta bl-għajnuna tas-Sur Martin Gatt wettaq xogħol ta' restawr fuq l-istatwi ta' Sant' Anna u San Ġwakkin. Ta' min isemmi li l-proċess tar-restawr kixef il-kuluri oriġinali li dawn l-istatwi kellhom; għaldaqstant ġie deċiż li dawn jerġgħu jinżebgħu kif kienu jidhru 'l fuq minn mitt sena ilu.

F'dawn iż-żewġ statwi San Ġwakkin hu rappreżentat skont it-tradizzjoni bħala raġel xiħ, filwaqt li Sant'Anna qiegħda bħal donnu miexja b'idejha ma' spallejn iċ-ċkejkna Marija li tinsab pass quddiemha. F'din l-istatwa Sant' Anna qiegħda turi karta lil Marija, li fuqha hemm miktub "Il-Mulej mill-ġuf sejjaħli, sa minn ġuf ommi Hu semma ismi" (Is 49, 1-3). Hawn ta' min isemmi li l-wiċċ tal-istatwa ta' San Ġwakkin jingħad li kien immudellat fuq dak ta' Karlu Darmanin innifsu[5].

Meta tidħol ġewwa r-Rotunda għandek issib ix-xbihat ta' Sant' Anna u San Ġwakkin fl-inkwatru prinċipali tal-kappellun tal-Madonna taċ-Ċintura, li jiġi l-ewwel wieħed fuq in-naħa tax-xellug



*L-istatwa ta' San Ġwakkin maħduma minn Karlu Darmanin, qabel ir-restawr tal-2010 (Ritratt: Mark Micallef)*



*L-istatwa ta Sant' Anna mal-Madonna maħduma minn Karlu Darmanin, qabel ir-restawr tal-2010 (Ritratt: Mark Micallef)*



*L-inkwatru tal-Madonna taċ-Ċintura li jinsab fil-knisja tal-Mosta, xogħol ta' Stefano Erardi. Sant'Anna u San Ġwakkin jidhru biswit il-bambin fuq in-naħa*

int u dieħel mill-bieb tan-nofs. Din il-pittura ferm sabiħa ta' Stefano Erardi, li hu l-istess artist li pitter l-inkwatru titulari tal-Assunta, saret għall-knisja l-qadima tal-Mosta fl-1677. Il-Mostin jidhru li kellhom għal qalbhom din il-pittura għax wara li tlestiet ir-Rotunda din ġiet imkabbra sabiex tkun tista' tieħu postha fit-tempju l-ġdid[6].

F'din il-pittura naraw lill-Bambin Ġesù li jinsab wieqaf fuq ħoġor il-Madonna, iħares bi ħlewwa fuq in-naħa tal-lemin tiegħu fejn hemm Sant' Anna u San Ġwakkin li wkoll qed iħarsu b'devozzjoni lejh. Din il-pittura tinkludi wkoll lil San Ġużepp fuq in-naħa tax-xellug tal-Madonna u lil San Nikola ta' Tolentino, Santu Wistin u ommu Santa Monika u Santa Katerina ta' Lixandra fil-parti t'isfel tal-kwadru lkoll iħarsu b'qima lejn din il-viżjoni tal-għaġeb[7].

Wieħed irid ukoll jgħid li fil-Mosta t-triq li tgħaqqad Triq Sant'Antnin (ftit l-isfel mill-kappella ta' Sant'Anton) ma' Triq il-Kbira (fil-wesgħa ta' quddiem il-Lord Nelson Restaurant) hi msemmija għal Sant' Anna.

## Tagħrif dwar Sant'Anna u San Ġwakkin

L-Evanġelji kanoniċi ma jagħtuna l-ebda ħjiel dwar min kienu l-ġenituri tal-Verġni Marija. Madanakollu jinstabu riferimenti għalihom f'żewġ kotba apokrifi[8] li huma magħrufa bħala l-evanġelju tal-Psewdo-Mattew u l-protoevanġelju ta' Ġakbu[9]. Dan tal-aħħar jidher li hu l-eqdem sors li għandna għax ġie miktub għal madwar is-sena 150 [10].

L-istorja li jirrakkonta l-protoevanġelju ta' Ġakbu tgħidilna li Anna u Ġwakkin kienu koppja twajba mdaħħla fiż-żmien li għal ħafna snin ma setax ikollhom tfal. Jum minnhom Ġwakkin mar biex joffri sagrifiċċju fit-tempju, madanakollu wieħed mill-qassisin m'aċċettax is-sagrifiċċju tiegħu minħabba li n-nuqqas ta' tfal kien meqjus bħala sinjal ta' stmerrija mingħand Alla. Ġwakkin sewwed qalbu ħafna u baqa' sejjer fid-deżert fejn qatta' erbgħin jum ta' sawm u talb lil Alla fis-solitudni[11].

Meta Anna saret taf ir-raġuni għalfejn ir-raġel tagħha ma ġiex lura d-dar hi ukoll talbet bi ħrara 'l Alla u wegħditu li jekk jagħtiha tarbija hi tiddedikahielu. It-talb ta' din il-koppja ġie mismugħ, għalhekk anġlu deher kemm lil Ġwakkin kif ukoll lil martu Anna sabiex jgħidulhom li l-Mulej kien sama' talbhom[12]. Din l-istorja għandha ċertu paralelliżmu ma' dik li tinsab fl-ewwel ktieb tas-Slaten fit-Testament l-Antik fejn insibu lil Anna, omm Samwel, li tiddedika lil dan binha li hi kellha fi xjuħitha lil Alla[13].

Anna u Ġwakkin semmew it-tarbija li twilditilhom Miriam (Marija) u meta din kellha tliet snin, ħaduha t-tempju sabiex jippreżentawha lil Alla skont il-wegħda li kienet għamlet Anna.

Minn hawn 'il quddiem l-istorja mhix ċara u diversi spekulazzjonijiet nibtu maż-żminijiet. Fosthom insibu li wara l-preżentazzjoni tal-Madonna, Ġwakkin miet u Anna spiċċat biex iżżewġet darbtejn u minn kull żwieġ twieldet tifla oħra. Kitbiet oħrajn stqarrew li l-konċepiment tal-Madonna fil-ġuf ta' Sant'Anna seħħ bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, mingħajr il-ħtieġa ta' raġel, u li Sant'Anna baqgħet verġni kemm fit-tnissil kif ukoll fit-twelid tal-Madonna[14]. Fl-1677 il-Knisja ddikjarat dawn il-kitbiet bħala ereżiji u stqarret li l-Madonna ġiet imnissla u mwielda b'mod normali, bl-unika differenza tkun li t-tnissil tagħha kien mirakolużament ħieles mid-dnub oriġinali[15]. Din il-ġrajja li aħna nafuha bħala l-Immakulata Kunċizzjoni, ippermettiet li l-Madonna tkun safja bħall-ibjad fjur sabiex tkun tista' tilqa' ġo ġufha lil Kristu, l-awtur tas-salvazzjoni tagħna.

## Konklużjoni

Ir-raġuni għaliex il-ġenituri ta' Marija huma mogħtija ġieħ mill-Knisja tmur lil hinn mill-istorja rrakkuntata hawn fuq. Kienet x'kienet l-istorja veru tagħhom li hu ċert hu li dawn rabbew lil Marija fil-biża' t'Alla. Permezz tal-formazzjoni li huma tawha, Marija kienet kapaċi terħi idejha f'idejn Alla u b'fidi sħiħa twieġeb għas-sejħa li Hu għamlilha bil-kliem "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek"[16]. Mhux li kien li l-ġenituri tal-lum jimxu huma wkoll fuq l-eżempju ta' Sant'Anna u San Ġwakkin!

Nawguralkom il-festa t-tajba. Viva Santa Marija, patruna tal-Mostin kollha.

***Referenzi:***


1. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. - http://www.vatican.va/archive/ENG0015/__P7F.HTM
2. Kostituzzjoni Dogmatika tal-Knisja Lumen Gentium- http://www.vatican.va/archive/hist_councils/ii_vatican_council/documents/vat-ii_const_19641121_lumen-gentium_en.html
3. Ibid.
4. Borg Joseph 2002. 'L-istatwi li narmaw fil-pjazza għal festa tal-Assunta' artiklu fil-fuljett *Mill-Maħżen tal-Armar*, Ħarġa Nru. 3, Grupp Tiżjin Festa Santa Marija, Mosta.
5. Cassar Silvio 2009. 'Karlu Darmanin 1825-1909.' f' Cassar Silvio (Ed.) *Annwal 2009*, Filarmonika Santa Marija, Mosta.
6. Bugeja Gerard 1996. 'The Rotunda and its artistic treasures' f' Scerri Louis J. (Ed.) *Mosta the Heart of Malta*, Midsea Publications, Malta.
7. *Ibid.*
8. Il-kotba apokrifi m'humiex meqjusa bħala ispirati u allura ma jiffurmawx parti mill-Bibbja.
9. http://www.kappellimaltin.com/html/sant_anna2.html - informazzjoni miġbura fl-10 ta' Lulju 2012.
10. http://www.catholic.org/saints/saint.php?saint_id=22 – informazzjoni miġbura fl-10 ta' Lulju 2012.
11. http://en.wikipedia.org/wiki/Joachim - informazzjoni miġbura fl-10 ta' Lulju 2012.
12. *Ibid.*
13. http://www.catholic.org/saints/saint.php?saint_id=22 – informazzjoni miġbura fl-10 ta' Lulju 2012.
14. http://www.kappellimaltin.com/html/sant_anna2.html - informazzjoni miġbura fl-10 ta' Lulju 2012.
15. http://www.catholic.org/saints/saint.php?saint_id=22 – informazzjoni miġbura fl-10 ta' Lulju 2012.
16. *Ibid.*